# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 8

18 ta' Diċembru, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.35 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 8

8.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 7 – 9;
8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
8.5 Komunikazzjoni;
8.6 Miżura 4.3;
8.7 Ġemellaġġ – Applikazzjoni Europe for Citizens;
8.8 Attivita’ – Għid 2020;
8.9 Performance Bonus tal-Impjegati 2019;
8.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
8.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 10/2019;
8.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 8 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

8.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 7 - 9

8.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 7 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward it-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel fejn tista tgħid li ġiet diskussa dejjem f'dawn il-laqgħat preċedenti tal-Kunsill, kif jaf il-Kunsill kien talab għall-laqgħa mall-Kummissarju tal-Pulizija u li għal din kien ingħata appuntament għall-laqgħa nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru 2019, fin-12.30 p.m., iżda din ġiet posposta. Il-Kunsill għadu qed jistenna data oħra. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qabbad lill-Avukat Matthew Brincat biex jibgħat Protest Ġudizzjarju dwar dan il-każ. Sadanittant il-Kunsill għadu qed jistenna.

8.3.2 Is-Sindku qal li dwar Triq Sannat il-Kuntrattur mhux qed jiġi kuljum bl-iskuża minħabba l-maltemp. Il-Kuntrattur qal li qed jistenna l-kurduna biex ikun jista jgħalaq il-water culvert u s-service culvert fuq in-naħa tal-iskola f'din it-triq. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jgħamel pressjoni mall-Kuntrattur biex ix-xogħol fuq din it-triq jitkompla biex titlesta. Il-Viċi Sindku qalet li xi ndividwi ġibdulha l-attenzjoni li fil-bidu ta' din it-triq (fil-junction) li tgħati għal Munxar tħalliet gaffa li kienet ta' periklu speċjalment bil-lejl. Is-Sindku qal li din il-gaffa tneħħiet il-bieraħ u li hu flimkien mas-Segretaju Eżekuttiv ġibdu l-attenzjoni lill-Kuntratur kemm il-darba dwar dan. Is-Sindku qal li din kienet hemm biex jitkompla l-water culvert li dan wasal sal-bidu tal-playing field biex imbgħad jitkomplew bix-xogħolijiet tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li d-drenaġġ tal-Public Convenience irid jinbidel dan peress li hu qadim u qed jinstad ta' spiss. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-Kunrattur dwar dan. B'hekk se tkun tista titkompla l-bankina fuq din in-naħa tat-triq. Il-Kunsill għandu jara x'inhu l-aħjar li jsir biex isir l-aħjar traffic management waqt dawn ix-xogħlijiet f'din it-triq.

8.3.3 Fis-1.53 p.m. is-Sindku ssospenda l-laqgħa peress li għal din il-laqgħa attendiet is-Sinjura Antonia Muscat ta' Triq Marsilja li xtaqet li tkellem lill-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-bankina ta' quddiem id-dar tagħha. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jkellem lill-Perit u lill-Kuntrattur dwar din.

8.3.4 Fis-2.06 p.m. tkompliet din il-laqgħa.

8.3.5 Il-Kunsill kompla jitkellem dwar Triq Sannat. Il-Kunsill qabel li minn Triq Sannat għandu jsir id-dħul biss u il-ħruġ mill-lokalita' jsir minn Triq tal-Gruwa u Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li l-

Kuntrattur qallu wkoll li għadu qed jistenna d-drawings u l-livelli tad-drenaġġ mingħand il-Water Services Corporation peress li anke l-letter of acceptance trid tiġi approvata minnhom.

8.3.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva r-risposta bl-approvazzjoni mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar it-talba li saret mill-Kunsill dwar il-fanali ta' Triq Sannat biex dawn jiġu nstallati fil-Playing field fi Triq Marziena. Il-Kuntrattur tad-dawl diġa ġie nfurmat biex dawn jiġu nstallati fil-playing field.

8.3.7 Is-Sindku qal li fil-playing field ta' Triq Marziena l-aħħar logħob li kien ġie nstallat u l-manutensjoni tiegħu kien sar fl-2012 għalkemm dan l-aħħar kienet ġiet instalata bandla għal persuni bi bżonnijiet speċjali u sar il-fence ta dan il-playing field mill-fond tal-UIF. Hu qal li qed jipproponi li dan il-playing field jiġi maqlugħ mill-ġdid biex taħt dan il-ġnien isir ġibjun peress li mill-lokalita' qed jintilef ħafna ilma tax-xita. Hu qal li dan qed jintqal peress li l-ilma hu sors importanti u l-iskop hu biex dan ma jintremiex. Hu qal li l-playing field minnu n-nifsu hemm dislivellar u mhux prattiku għal kullħadd. Hu qal li għal dan il-l-għan qed jitlob li ssir konsultazzjoni mall-istakeholders differenti bħal iskola biex issir konsultazzjoni magħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill irid jara minn fejn se jakkwista dawn il-fondi peress li l-Kunsill ma għandux biex isir dan.

8.3.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill ddiskuta ma' tlett Kunsilli oħra dwar is-sejħa għall-offerta ta' Contracts Manager sabiex din is-sejħa toħroġ waħda konġunta mall-Kunsilli Lokali tax-Xagħra, ix-Xewkija u l-Qala.

8.3.9 Is-Sindku qal li l-kuntratt mall-Kuntrattur biex jibda x-xogħol fuq il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4 b'fondi ewropej ġie iffirmat fit-2 ta' Diċembru 2019 u dan ix-xogħol beda. Dan ix-xogħol għandu jitlesta fi żmien erbgħa xhur mid-data tal-kuntratt.

8.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba li kienet saret lill-Transport Malta dwar l-immaniġjar aħjar fi Triq Marsilja, Triq it-Tempju tal-Imramma u Triq ix-Xabbata ġie ssuġġerit biex issir konsultazzjoni mar-residenti Il-Kunsill ddiskuta dan u ddeċieda li ssir laqgħa konsultattiva ma' esperti minn Transport Malta u l-LESA. Is-Sindku qal li t-toroq baqghu l-istess u il-vetturi fil-lokalita' żdiedu. Hu qal li hemm bżonn ta' proġet pilota f'dan ir-rigward.Il-Kunsillier Bajada qal li qed isir ipparkjar ta' vetturi bl-addoċċ fi Pjazza Santa Margerita u għalhekk hemm il-ħtieġa li ssir laqgħa mall-Pulizija għal boun ordni. Il-Kunsillier Bajada qal ukoll li fi Pjazza Santa Margerita m'għandux isir pparkjar tat-trakkijiet u vetturi kbar u għandu jintalab lill-Transport Malta biex jeħlu tabelli for light vechiles only. Il-Kunsillier Tewma semmha ukoll biex wieħed jara l-possibilta ta' Traffic Management aħjar fi Triq Durell għal Triq it-Tempju tal-Imramma.

8.3.11 Is-Sindku qal li l-Ħadd 1 ta' Diċembru 2019 kif kien diskuss fil-laqgħat preċedenti ġiet orġanizzata li l-World Children's Day fi Pjazza Santa Margerita bejn is-1.00 p.m u l-4.30 p.m. Kif kien previst li jsir din l-attivita' għat-tfal kollha kienet waħda ta' suċċess bi skop biex jinġabru fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund biex b'hekk it-tfal stess jitgħallmu jaqsmu ma min hu nqas xxurtjat minnu. Waqt din l-attivita' nġabret is-somma ta' €382.90ċ u li dawn se jiġu ppreżentati fil-jiem li ġejjin. Is-Segretarju Eżekuttiv reġa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillieri li huwa fi dmir tagħhom li jattendu għall-attivitajiet simili li huma jkunu ħadu d-deċizzjoni biex dawn isiru.

8.3.12 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob lill-Perit biex isiru stimi għal diversi toroq biex jingħataw wiċċ ġdid bit-tarmak u fihom jiġi nkluż li jsir service culvert biex b'hekk jiġu eliminati l-kruħ ta' wires imdendlin fit-toroq. Is-Sindku qal li waħda mill-isfidi li għandu l-Kunsill hi li jneħħi l-wires li hemm imdendla mall-ħitan tal-bini fil-lokalita' kif se jkun qed isir fi Triq Sannat u 'l

quddiem fil-Pjazza Santa Margerita. B'hekk il-Kunsill ikollu dawn preparati biex fl-eventwalita' ta' fondi l-Kunsill ikun jista japplika mill-ewwel għalihom. Il-Kunsill iddeċieda fuq dawn it-toroq, Triq Dun Lazzru Camilleri triq li ma ngħatat qatt bit-tarmak, Triq il-Kbira li ilu li sar it-tarmak fl-1998 u Triq Saguna. Il-Sindku qal li għandu jgħamel pressjoni mall-entitajiet konċernati biex Triq il-Paranji u Triq it-Tempju tal-Imramma xi darba jinfdu ma' Triq Ta' Bebunaq, il-Kunsill għandu jara fhix wasal dan il-proċess. Il-Kunsillier Gauci semmha li wieħed għandu jikkonsidra l-problema tal-ilma u d-drenaġġ f'dawn it-toroq.

8.3.13 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Biedja u Sajd fejn ġie diskuss id-Dogs Park u l-Horse Pool li huma previsti li jsiru ħdejn il-Ġnien tal-Bidwi. Mis-Segretarjat ssuġġerew lil Perit Rodrick Spiteri espert f'dan il-qassam biex jipprepara d-dokumenti u l-istimi rikjesti għal dawn il-proġetti. Is-Sindku qal li għal dawn il-proġetti hemm bżonn ta spinta l-quddiem biex issir d-devoluzzjoni tal-art, biex wara l-Kunsill ikun jista japplika mall-Awtorita tal-Ippjanar.

8.3.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-Regjun Għawdex infurmana li Dama Carmen Bellamy, Fundattrici u Chairperson tal-Gozo CCU Foundation qegħda tagħti b'donazzjoni Automated External Defibrillator lil kull Kunsill Lokali ta' Għawdex. Il-Kunsill qabel ma din id-donazzjoni u qal li dan intalab li jiġi nsallat fil-Ġnien tal-Bidwi. Il-Kunsillier Clayton Tewma ssuġġerrixxa li dan jiġi nstallat aktar fiċ-ċentru tal-lokal u qal li dan għandu jitwaħħal fuq il-bankina fi Triq Marsilja. Is-Sindku qal li l-problema hija dik li dan jaħdem bid-dawl. Il-Kunsill għandu jara fejn hu l-aħjar li dan jiġi nstallat.

## 8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.4.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

## 8.5 Komunikazzjoni

8.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li nhar il-Milied u fl-Ewwel tas-Sena mhux se jsir ġbir ta' skart organiku skond il-kuntratt. Il-Kunsill qabel li javża lir-residenti b'dan fuq il-paġna tal-Facebook.

8.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nfoma li hu kien kiteb lill-Transport Malta dwar t-talba mill-istudenti tas-Sixth Form dwar r-rotta 305 biex tibda titlaq fis-7.15 a.m. minflokk fis-7.35 a.m. biex l-istudenti jkunu jistgħu jilħqu l-lezzjonijiet fil-ħin. Transport Malta qalet li qed tikkunsidra din t-talba u ser iżżommna aġġornati bl-eżitu tar-risposta.

8.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lis-Sindku li nhar il-Ġimgħa 3 ta' Jannar 2019, fis-7.00 p.m. ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-Uffiċċju Regjonali ser issir Laqgħa Nru 90. Is-Sindku qal li se jkun msiefer u għalhekk talab lil Viċi Sindku biex tattendi hi. Il-Viċi Sindku qalet li dakinhar mhux se tkun tista tattendi minħabba mpenji personali u għalhekk ġie mitlub jattendi il-Kunsillier Tewma. Il-Kunsillier Tewma aċċetta li jattendi.

8.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-uffiċċju tinħass il-ħtieġa li jinxtara laptop ġdid dan parti mill-għodda neċessarja biex il-pubbliku jkun jista jinqeda fl-inqas ħin possibli, dan qed jintalab peress li l-pc tiegħu dan l-aħħar marlu l-hard disk u dan irid jissewwa mill-aktar fis. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

8.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet u Direttivi mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċirkulari Numru 22/2019 Onorarja u Allowances , Attendenza għal-Laqgħat tal-kunsilli, Ħinijiet tal-Laqgħat tal-Kunsill

Direttiva Numru 6/2019 Procurment Plan

Direttiva Numru 7/2019 Risk Assessment tal-Playing Fields madwar Malta u Għawdex

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

21 ta' Novembru 2019 Ċir AKL 2019/134 Call for application – youth delegates 2020 – 38th and 39th Congress Sessions

30 ta' Novembru 2019 Ċir AKL 2019/135 Christmas Greetings

8.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex lejlet il-Milied u Lejlet l-Ewwel tas-Sena l-uffiċċju tal-Kunsill fuq xewqa tal-impjegati jgħalaq fis-2.00 p.m għal pubbliku peress li ma jkunx hemm konkorrenza minn nies f'dawn il-ġranet. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

8.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex fil-bitħa wara l-uffiċċju tiegħu naraw jekk hux possibli li tinbena kamra żgħira apposta bi climate control biex fiha jitqedu l-wires, l-PABX, Server eċċ dan biex nevitaw raġġi li jistgħu jikkawżaw f'dan l-uffiċċju.

## 8.6 Miżura 4.3

8.6.1 Is-Sindku semmha li dwar il-proġett ta' Triq Bardan minn Miżura 4.3 b'fondi ewropej il-Kunsill ġie nfurmat minn ARPA li għandu jħallas lill-Kuntrattur għal varjazzjonijiet li kien hemm u li ma kienux skond il-Bill of Quantities tal-Grant u tal-kuntratt. Il-Kunsill bagħat il-final declaration li l-proġett huwa lest biex il-Kuntrattur ikun jista jitħallas. Il-Kunsill waħħal plakka mall-ħajt f'din it-triq fejn tindika li din it-triq b'wiċċ ġdid bit-tarmak ġiet iffinanzjata mill-fondi ewropej, mill-Gvern ta' Malta u mill-Kunsill.

## 8.7 Ġemellaġġ – Applikazzjoni Europe for Citezens

8.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru 2019 hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' Uffiċjal mill-MEUSAC biex il-Kunsill ikun jista jikseb l-għajnuna biex japplika għal fondi ewropej biex b'hekk ikun jista jkompli l-Ġemellaġġ ma' Montefiascone. L-applikazzjoni tagħlaq fl-4 ta' Frar 2020. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 8.8 Attivita' – Għid 2020

8.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għal żmien l-Għid 2020 bħal dawn l-aħħar sentejn konsekuttivi il-Kunsill ser itella' dramm bibliku, kitba tas-Sur Sunny Scicluna bl-isem "Il-Kundanna" fi Triq tal-Gruwa. Din il-produzzjoni ser tkun taħt id-direzzjoni artistika tas-Sur George Mizzi bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Drammatika Sannat. Id-disinn tal-produzzjoni tas-Sur Noel

Debono. Il-Kunsill għandu javża lir-residenti biex kull minn jixitieq jipparteċipa għandu jgħati ismu lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jara jekk hux se jkun hemm fondi mill-Ministeru għal Għawdex minn Easter in Gozo. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 8.9 Performance Bonus tal-Impjegati 2019

8.9.1 Is-Sindku qal li reġgħet għaddiet sena oħra u għalhekk ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-Performance Appraisal Report u Performance Bonus ta' l-Impjegati għas-sena 2019 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati b'dan il-mod:
Is-Segretarju Eżekuttiv, Jason Curmi ġie mogħti 10%.
L-Uffiċjal Eżekuttiv, Geraldine Mercieca ġiet mogħtija 6%.
Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri preżenti rringrazzjaw lill-impjegati tax-xogħol tagħhom li sar matul din is-sena. Fil-kas tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Appraisal Report u Performance Bonus ser jintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.

## 8.10 Ilmenti u Suġġerimenti

8.10.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li għal din is-sena peress li qed isir xogħol infrasstrutturali fi Triq Sannat il-Karnival ma jsirx. Il-Kunsill qabel ma dan.

8.10.2 Il-Kunsill irċieva diversi imejls mingħand l-Intervention Team – MGOZ rigward:
Ħitan tas-sejjieħ mwaqqa fi Triq Tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn ġew rrapurtati lill-MGOZ
Ċagħaq u ġebel kbir fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn ġew rrapurtati lis-Sezzjoni tal-Beaches fi ħdan il-MGOZ
Patching fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn ix-xogħolijiet saru.
Bdil ta' sinjali ta' traffiku fi Triq Bebunaq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-tabella ta' No Right Turn ġiet mibdula u fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri qallu li hemm is-signs tar-roundabout faded.
Bollard bid-dawl mkisser fi Triq Skerla. Il-Kunsill qabel li dan jiġi rranġat jekk le jiġi mibdul.

8.10.3 Mera mdawra fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ġiet rranġata mill-ħaddiem assenjati mall-Kunsill.

8.10.4 Residenta minn Triq il-Kbira qed tilmenta fuq diversi ħofor kbar speċjalment quddiem ir-residenza tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-ħofor ġew ippaċjati riċentiment.

8.10.5 Resident minn Triq Gerxija qed jitlob li jsiru 'double yellow lines' faċċata tar-residenza tiegħu peress li ma jistax jdaħħal l-vetturi tiegħu ġol-garaxx. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob dan lill-Transport Malta.

8.11.6 Il-Kunsill rċieva ilment li fi Triq Mġarr ix-Xini hemm ħafna injam mirmi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan inġabar mill-kuntrattur tal-Bulky Refuse.

8.11.7 L-Arċipriet qed jissuġġerixxi li z-zebra crossings li hemm ppjanati li jsiru fil-proġett l-ġdid ta' Pjazza Santa Margerita jsiru ssa, dan peress li minn Triq Ta' Ċenċ meta wieħed jiġi biex jaqsam minn naħa tal-Kappella tal-Ewkaristija jsibha diffiċli biex jaqsam u b'hekk nevitaw l-periklu. Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġi mplimentat meta tiġi riġenerata l-Pjazza peress li jridu jsiru l-pelican lights.

## 8.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 11/2019

8.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 11/2019 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 8.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-aħħar laqgħa

8.12.12 Il-laqgħa ntemmet fl-3.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 29 ta’ Jannar 2020, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 29 ta’ Jannar 2020

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |